100
SENA

# MSIDA
# PARROĊĊA

1867

PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET
SOĊJALI U MUŻIKALI
MILL-
## "MELITA BAND CLUB"
FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI
TA' L-EWWEL ĊENTINARJU
TAL-PARROĊĊA TA' L-IMSIDA
9 — 23 TA' LULJU, 1967

JPH

MELITA
A.D. 1922

1967

# *AVVIŻ LIN-NIES TA' L-IMSIDA*

IL-PRODOTTI **FARSONS** HUMA L-AĦJAR GĦALIEX HUMA:—

* maħdumin mill-aqwa fabbrika ta' l-ibbottiljar f'Malta.

* magħmulin minn nies imħarrġin sewwa fis-sengħa tagħhom.

* huma ta' l-aqwa kwalita'.

IL-PRODOTTI **FARSONS** HUMA GĦAL **kulħadd**

U F'KULL **ħin** TAL-ĠURNATA

**BIRER** – jagħtu s-saħħa

**KINNIE** – jaqta' l-għatx

**MISSION** – prodotti b'togħma differenti

**SCHWEPPES** – jirrinfreskaw

ALL THE BEST FROM FARSONS!



**IS-SUR J.M. CASSAR NAUDI,**

*President.*

# *KELMTEJN TA' QABEL*

*Misidjani,*

*Inħossni kburi li bħala President ta' l-Għaqda Mużikali "Melita", imiss lili li niftaħ dan il-programm speċjali maħruġ mill-istess għaqda biex tfakkar u tiċċelebra t-tifkira għażiża u unika ta' l-ewwel mitt sena mit-twaqqif ta' l-Imsida bħala Parroċċa.*

*L-ewwel ċentinarju tal-parroċċa ta' l-Imsida huwa avveniment speċjali għal kull Misidjan għaliex ilkoll kemm aħna niffurmaw parti minn familja kbira Misidjana, li tibda mid-dar tagħna stess jiġifieri l-familja ta' kull wieħed minna u tinfirex f'għaqdiet u organizzazzjonijiet reliġjużi, politiċi u ċivili li jinsabu fil-pajjiż miżmumin u mmexxijin minna għall-ġid edukattiv, soċjali u kulturali tagħna stess u ta' wliedna.*

*Kull ma għandna fl-Imsida huwa l-wirt ta' missirijietna. Dak kollu li wrietna għandna nżommuh b'għożża kbira u nkattruh ħalli nkunu nistgħu npoġġuh fit-testment li aħna nagħmlu lil uliedna. L-għaqdiet fl-Imsida għandna nħarsu lejhom bħala t-tieni dar tagħna, bħala ċentri edukattivi, dejjem miftuħa ħalli jkollna fejn inqattgħu ż-żmien tal-mistrieħ tagħna kif inhu xieraq u fl-istess waqt nitgħallmu. It-tagħlim isir billi nitħaddtu, nisimgħu u nesprimu l-opinjonijiet tagħna. B'hekk fis-sentimenti tagħna titkattar aktar il-kultura li tiġbor fiha żvilupp intellettwali, gost artistiku, u sens morali.*

*Din is-sena l-Għaqda Melita tagħlaq ħamsa u erbgħin sena. Eta' biex insejħilha hekk, żgħira, iżda biżżejjed biex tista' tissejjaħ matura. L-esperjenza tagħha fil-qasam soċjali u kulturali hija kbira biżżejjed biex taf x'inhuma l-bżonnijiet tal-Misidjani. U għaliex tħares biss lejn il-ġid ta' l-Imsida, hija tissielet kontinwament biex tneħħi l-ostakoli li jistgħu ifixxklu l-progress. Hija tifraħ bis-suċċessi u l-progress ta' għaqdiet oħra Misidjani u fejn huwa possibbli tgħin għaliex tħoss li huwa d-dover tagħha lejn ommha, l-Imsida.*

*L-arti divina mużikali huwa wieħed mill-iskopijiet prinċipali tagħha. It-tkattir ta' din l-arti jiddependi minn uliedna u d-dover huwa tagħna li nħajru lill-uliedna jitgħallmu din l-arti hekk ħelwa u bżonnjuża, tant li d-dinja mingħajrha hija monotona..*

*Dak kollu li s'issa kisbet l-Għaqda Melita. huwa dovut għax-xogħol kbir li għamlu nies dilettanti mit-twaqqif tagħha sal-lum. Ħames snin oħra l-Għaqda tiċċelebra l-Ġublew tad-Deheb. u dan ikun ifisser paġna oħra gloriuża fl-istorja ta' l-Imsida. Meta jasal dak iż-żmien l-Għaqda tkun aktar b'saħħitha u fuq saqajha. Ikun dovut għax-xogħol tal-Kumitati ta' dawn l-aħħar snin u speċjalment għall-Kumitat ta' dawn l-aħħar sentejn li ħadem kemm felaħ biex l-Għaqda tagħti s-sehem tagħha fil-festi taċ-ċentinarju u takkwista d-dar ta' l-Għaqda biex tespandi aktar l-iskopijiet tagħha mużikali, soċjali u kulturali.*

*Ilkoll flimkien ejjew nifirħu bis-suċċessi li kisbu l-għaqdiet kollha tagħna f'dan l-aħħar seklu u ejjew ningħaqdu aktar bis-sħubija tagħna fl-għaqdiet ta' l-Imsida, biex għas-seklu l-ġdid li ġej naħdmu aktar biex inkomplu ntellgħu ġdida l-Imsida u b'hekk inkunu qed nonoraw il-kelmiet li tpoġġew fuq l-arma ta 'l-Imsida mitt sena ilu, "Novissima Surgo" (Ġdida Tiela').*

*J.M. Cassar Naudi.*

A.D. 1922

# IL-KUMITAT TAL-"MELITA BAND CLUB"

## 1966/67

*President*
Is-Sur J.M. Cassar Naudi

*Viċi-President*
Is-Sur J. Vella

*Segretarju*
Is-Sur C. Taliana

*Kaxxier*
Is-Sur F. Camilleri

*Asst. Segretarju*
Is-Sur E. Azzopardi

*Asst. Kaxxier*
Is-Sur A. Saliba

*Direttur Ġenerali*
Is-Sur J. Debono

*Asst. Direttur Ġenerali*
Is-Sur J. Cassar

*Membri:* Is-Sinjuri A. Azzopardi, J. Borg u R. Farrugia

*Direttur Spiritwali*
Ir-Rev.du Dun A. Caruana

*Direttur-Surmast*
Mro. Ph. Gatt F.L.C.M., A.R.C.M.

*Kummissjonijiet:*

| | |
|---|---|
| "Banda" | Is-Sinjuri C. Abela, E. Azzopardi, F. Camilleri, J. Cassar u J. Debono. |
| "Proġetti" | Is-Sinjuri R. Farrugia, A. Saliba u J. Vella |
| "Attivitajiet Soċjali" | Is-Sinjuri J.M. Cassar Naudi, R. Farrugia u C. Taliana. |

*Rappreżentazzjonijiet:*

| | |
|---|---|
| Kumitat Ċiviku — Msida u Pietà | — Is-Sur C. Taliana |
| Malta Band Clubs Association | — Is-Sur E. Azzopardi |
| Malta Billiards Association | — Is-Sur F. Camilleri |
| Din l-Art Ħelwa | — Is-Sur R. Farrugia |
| Kumitat-Festi Ċentinarji-Msida | — Is-Sur C. Taliana |

# — IL-KUMITAT 1966/67 —



Bil-qiegħda: **J. Vella, C. Taliana, J.M. Cassar Naudi, F. Camilleri** u **J. Debono.**
Bil-wieqfa: **R. Farrugia, A. Saliba, E. Azzopardi, A. Azzopardi, J. Cassar** u **J. Borg.**


Tel. Central 26640

**LONDON GARAGE**

(Prop. F. X. AQUILINA)

**59, MSIDA WHARF, MSIDA**

**Branch: 117a, PIETA' WHARF, PIETA'**

GENERAL HIRE SERVICE

5 & 7 Seater Cars, Volkswagen Transporters and Comfortable Self Drive Cars.
Private & Mini Buses for Hire.
School Children Transporters.

*Special terms for long hire*

**JOHNSONS STORE**

(Prop. J. DEBATTISTA)

41, MSIDA SEA FRONT — MSIDA

Sole Agents:

**Long Life Mattresses**

*5 Years Guarantee*

Tel. C. 28526

# SAVOY GARAGE

Phone: 31332
**236-250, D'ARGENS ROAD, GZIRA**
or **SLIEMA ROAD, GZIRA**
(Opposite Marshall Court)
(Prop. **J. PACE**)

**PRIVATE BUSES, CARS & VOLKSWAGENS**

**for hire service at moderate prices**

*DAY & NIGHT SERVICE*




# SHELL FILLING STATION (VALLEY ROAD) MSIDA




**MOTORCAR**

**SPARE**

**PARTS**

**&**

**ACCESSORIES**

**Tel.: 32745**

# TĦEJJIJIET MUŻIKALI

## FL-OKKAŻJONI TA' L-EWWEL ĊENTINARJU TAL-PARROĊĊA TA' L-IMSIDA

Fir-raba' sena tiegħu, bħala Surmast - Direttur tal - Banda tas - Soċjetà Melita, Mro. Philip Gatt F.L.C.M., A.R.CM. (Bandmastership) ser ikollu l-unur li jidderieġi l-banda tas-Soċjetà fl-isbaħ programm vokali u strumentali li qatt esegwiet. Dan ser jiġi esegwit f'lejliet il-Festa tal-Padrun ta' l-Imsida, San Ġużepp, li hija wkoll parti mill-Festi Ċentinarji tal-Parroċċa ta' l-Imsida.



Mro. Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M.

Ma kenitx ħaġa faċli li jiġi mħejji programm bħal dan (ara l-programm fil-faċċati tan-nofs), għaliex kien jitlob sagrifiċċji personali kbar minn kull individwu li kellu sehem fit-tħejjija tiegħu. Għal aktar minn sena u nofs is-Surmast Gatt kien qiegħed jippjana u jħejji għal dak li jirrekjedi u jixraq lill-Festa ta' l-ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa.

Il-Misidjani għandhom jiġu bi ħġarhom fi Pjazza Palma, biex minn fuq planċier sabieħ jisimgħu programm mill-isbaħ addattat għaż-żmenijiet tal-lum. Ix-xogħol il-kbir ta' dan il-programm huwa l-Innu lil San Ġużepp miktub għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju minn Mro. Ph. Gatt. L-Innu se jkun kantat mit-Tenur Andrew Sapiano, il-Baritonu Jackie Aloisio u l-Kor tal-Ħamrun immexxi minn Dun Ġużepp Cachia. Dan l-innu huwa biċċa xogħol li tpaxxi l-widna ta' min japprezza; jagħti pjaċir lid-dilettant u jħajjar lill-kritiku jiddeskrivih.

*(Ikompli fil-paġna 7)*

# GALEA BROS.

## IRONMONGERY SHOP
## & GLAZER

**DEPOT OF HARDWARE, PAINTS, VARNISHES**

and

**SANITARY APPLIANCES.**

No. 1, RUE D'ARGENS, MSIDA.

Tel. No. 31356



Bajada

## wood-works & Co.

**MANUFACTURERS OF ALL KIND OF WOODWORKS**

CONCEPTION STREET,
MSIDA.

TOWER STREET,
MSIDA.
TEL. 31004

# TĦEJJIJIET MUŻIKALI

*(Jaqbad mill-paġna 5)*



Is-Sur Albert Marshall

Il-versi ta' l-Innu ġew miktuba miż-żagħżugħ Misidjan, is-Sur Albert Marshall li diġà huwa magħruf ma' Malta kollha għax-xogħlijiet letterarji tiegħu fil-lingwa Maltija. Il-versi ta' l-Innu huma kontribut ieħor lill-ilsien Malti. Il-pjan tal-poeżija, ġie mfassal tant bil-għaqal li jispjega preċiż l-imħabba tal-Misidjani lejn San Ġużepp; iħasseb lill-Misidjani jekk l-Imsida tisfa mingħajr il-Padrun tagħha. It-talba tal-Misidjani lill-Missier tagħhom ma tonqos qatt u fl-aħħar il-final grandjuż u ħaj li jfakkar u jġedded l-għaqda bejn San Ġużepp u kull Misidjan. Xogħol ieħor li għamel is-Sur A. Marshall huwa l-versi ta' l-Innu lill-Banda Melita bil-mużika ta' Mro Philip Gatt.

It-tieni parti tal-programm se tkun għażla mill-"musical show' "South Pacific" ta' R. Rodgers. F'din l-għażla l-banda tkun akkumpanjata wkoll mill-istess Kor tal-Ħamrun. B'dan ix-xogħol modern, il-baned tal-lum juru l-progress li sar fl-arti mużikali fil-qasam bandistiku. Il-Kumitat tal-Każin tal-Banda Melita jifraħ igħid li l-banda tiegħu hija waħda mill-ewwel baned Maltin li qiegħda ssemmgħalna mużika ta' din il-kwalità akkumpanjata minn kor. B'dan ix-xogħol hjia qiegħda tħejji t-triq biex nisimgħu din il-mużika sabieħa aktar spiss fil-futur.

It-tielet parti tal-programm huwa l-famuż kor mit-tieni att ta' l-Opra "La Traviata" ta' Giuseppe Verdi "Coro di Zingarelle e Mattadori." Il-programm jagħlaq bil-Marċ Korali "Joyful Day" tas--Surmast Adoedato Gatt.

Ġurnata qabel, jiġifieri l-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, il-banda ser iddoqq is-soltu marċi brijjużi mat-toroq ta' l-Imsida. Għal din is-sena Mro. Gatt kiteb żewġ marċi ġodda. Marċi oħra ser ikunu, wieħed ta' Mro. Morello (ex-Surmast tas-Soċjetà) li bagħtu mill-Awstralja; marċ ta' Mro. Johnny Mick (it-tifel tal-mejjiet Surmast R. Micallef); tnejn ta' Mro. Adeodato Gatt (il-magħruf surmast-kompożitur, missier Mro. Ph. Gatt, li miet is-sena l-oħra); u tliet marċi oħra mis-Surmastrijiet C. Zammit F.L.C.M., J. Calleja u L. Bongailas.

Għall-ġurnata tal-Ħamis, 20 ta' Lulju, il-Kumitat stieden lid-Duke of Connaught's Own Band ta' B'Kara biex iddoqq marċi brijjużi mat-toroq ta' l-Imsida. Dan huwa kontribut ieħor li l-Każin tal-Banda Melita ser jagħti lill-Imsida fil-Festi Ċentinarji tagħha. Mingħand l-istess Banda, is-Soċjetà kriet planċier kbir biex minn fuqu jiġi esegwit il-programm li ser isir is-Sibt, lejlet il-Festa. Dan il-planċier ser ikun parti mit-tiżjin tal-festa, għaliex il-Banda Duke of Connaught kienu tant ġentili li jaċċettaw li jibqa' armat għal nhar il-Festa biex ikun jista' jintuża minn baned oħra maqlugħin dak in-nhar.

Din is-sena, is-Soċjetà ser toħroġ żewġ bandisti ġodda E. Mizzi (klarinett) u M. Bezzina (kwartin). Ħafna allievi oħra qegħdin jistennew il-kelma tas-Surmast biex jibdew idoqqu. Din is-sena Ċentinarja għandha tkun biex tinkoraġġixxi lill-allievi svelti tas-Soċjetà biex jirsistu u jistudjaw aktar ħalli jibdew idoqqu ma jdumux u tħajjar tfal oħra Misidjani biex jipprofettaw ruħhom mill-privileġġ li għandhom fl-Imsida billi jitgħallmu b'xejn l-arti mużikali fil-każin tal-banda tal-pajjiż.

**SINGER jiġu l-Imsida għand il-**
**HOMEMAKERS CENTRE**
(quddiem Arcidiacono)
* Bejgħ tal-prodotti kollha **SINGER**
* Lezzjonijiet tal-ħjata b'xejn
* Tiswijiet u spare parts
* Ħlas ta' pagamenti
* "Trade Fair" discount

**Lill-parruċċani tagħna Misidjani RIGALI B'XEJN matul il-Festi Ċentinarji tal-Parroċċa ta' l-IMSIDA**



**T O N F U N K**
**Television Ġermaniż ta' lussu u kwalità.**
**Magħrufin għall-preċiżjoni teknika, stampa ċara u vuċi tonali.**
**It-TONFUNK huwa modern u avvanzat; kemm iddawwar in-knob selector lura jew il-quddiem u ssib il-programm favorit tiegħek.**
**Attrajent u lussuż, it-TONFUNK jinbiegħ f'diversi mudelli nklużi l-cabinets mingħand:**
**J O K A T E   S T O R E**
**43A, Gwardamanga Hill, Msida. — Telephone 21012**

# INNU LILL-BANDA

# ''MELITA''

*Mużika:* Mro. Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M.
*Versi:* Is-Sur Albert Marshall

Tiru ja noti,
Tal-banda Melita,
Banda Maltija,
Min jiżboq kburitha!?

Tiru 'l fuq ħielsa,
Ja noti fejjieda,
Għaqqdu 'l Imsida,
Bħall-omm ma' uliedha,

Intom in-noti,
Tal-Banda Melita,
Banda li tgħaxxaq,
Bil-ġenn ta' sbuħitha.

Xejn aktar minnek,
O banda Melita,
Għażiż għalina,
Daqs ismek MELITA.

Fik qegħda s-setgħa,
Li thenni 'l widnejna,
Tislet bil-ħlewwa,
Id-dmugħ minn għajnejna.

Dak ismek jibqa',
Fl-irħam ta' l-istorja,
Minqux u mfakkar,
Bil-ħaqq u bil-glorja.

**PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET SOĊJALI U MUŻIKALI MILL-**

# MELITA BAND CLUB

**FL-OKKAŻJONI TA' L-EWWEL ĊENTINARJU TAL-PARROĊĊA TA' L-IMSIDA**

## 15 - 23 ta' Lulju, 1967

**Il-Ħamis, 20 ta' Lulju:**

7.00 p.m. Riċeviment lill-Membri tal-Banda fil-każin.

8.00 p.m. Id-Duke of Connaught's Own Band ta' B'Kara, iddoqq marċi ferrieħa mat-toroq prinċipali ta' l-Imsida. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin tal-Banda u jispiċċa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Lulju:**

8.00 p.m. Quddiem il-Każin tal-Banda: Tberik ta' bandalora kommemorattiva mill-Wisq Rev.du Kappillan ta' l-Imsida, Dun A. Pace B.D. Preżentazzjoni tal-Bandalora mill-Perit L.A. Naudi B.E.&A., A.&C.E., f'isem il-benefatturi tagħha. Is-Sur Ġużi Zahra jippreżenta vetrina li huwa rregala lis-Soċjetà għall-istess bandalora. Diskors ta' ringrazzjament mill-President tas-Soċjetà, is-Sur J.M. Cassar Naudi. Jindaqq l-Innu tal-Banda Melita.

8.20 p.m. Il-Banda Melita ddoqq is-soltu marċi brijjużi mat-toroq prinċipali ta' l-Imsida. Il-marċ jibda minn quddiem il-Knisja Parrokkjali u jispiċċa quddiem il-Każin.

**Is-Sibt, 22 ta' Lulju:**

7.00 p.m. Marċ mill-Banda Melita li jibda minn quddiem il-Knisja ta' l-Ursolini u jispiċċa fi pjazza Palma.

8.15 p.m. Fi pjazza Palma: Il-Banda Melita tesegwixxi:— (i) Innu Popolari; (ii) Innu lill-Kbir Patrijarka San Ġużepp.

8.45 p.m. Tberik ta' bandalora kommemorattiva mill-Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Emm. Gerada B.A., D.Litt., J.C.D., Isqof Awżiljarju.
Preżentazzjoni tal-bandalora mis-Sur V. Pisani, f'isem il-Misidjani Awstraljani f'Sydney.
Diskors ta' l-okkażjoni mis-Sur J.M. Cassar Naudi, President, li wara jippreżenta Mementos lil Mro. Ph. Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M., is-Sur A. Marshall, is-Sur C. Taliana, Segretarju tal-Banda "Melita" u brieret lill-Allievi.

9.05 p.m. Riċeviment fil-każin lis-Sinjuri mistiedna. Fost il-mistednin ikun hemm ir-Rappreżentanti Parlamentarji tad-Distrett, l-Onor. Sinjuri Dr. T. Caruana Demajo LL.D., Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari, Dr. A. Buttigieg B.A.,

**WHAT'S NEW FOR TOMORROW IS AT SINGER TODAY**

1867

1967

**PROGRAMM VOKALI U STRUMENTALI MILL-**

# MELITA BAND CLUB

**FL-OKKAŻJONI TA' L-EWWEL ĊENTINARJU TAL-PARROĊĊA TA' L-IMSIDA NHAR IS-SIBT 22 TA' LULJU MIT-8.15 P.M. 'IL QUDDIEM, FI PJAZZA PALMA, TAĦT IT-TMEXXIJA TA' MRO. PHILIP GATT F.L.C.M., A.R.C.M.**

INNU TAL-PAPA
INNU POPOLARI "SAN ĠUŻEPP"

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| (1) | Innu | — | LILL-KBIR PATRIJARKA SAN ĠUŻEPP | — Ph. Gatt |
| (2) | Selection | — | SOUTH PACIFIC | — R. Rodgers |
| (3) | Coro di Zingarelle — e Mattadori | — | LA TRAVIATA | — G. Verdi |
| (4) | Marċ Korali | — | JOYFUL DAY | — A. Gatt |

INNU TAL-BANDA "MELITA"
INNU MALTI

*N.B. Fl-(1) jieħdu sehem is-solisti A. Sapiano - Tenur, J. Aloisio - Baritonu flimkien mal-Kor tal-Ħamrun.*
*Fit-(2), (3) u (4) jieħu sehem il-Kor tal-Ħamrun dejjem taħt id-direzzjoni ta' Dun G. Cachia.*

PH. GATT F.L.C.M., A.R.C.M.,
*Surmast-Direttur.*

**MARĊIJIET LI SER JINDAQQU FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI ĊENTINARJI**

1. NOVISSIMA SURGO — Ph. Gatt
2. OH! LISTEN TO THE BAND — A. Gatt
3. GOLDEN FLOWERS — L. Bongailas
4. BLUE HORIZON — C. Zammit
5. MAY FLOWER — Ph. Gatt
6. THE BRAVE BULL — J. Mick
7. CARMEN — J. Calleja
8. OMM SIDNA A Gatt
9. JOSEPHINE & BARBARA — E. Morello

IL-KUMITAT

LL.D., Dr. G.M. Camilleri LL.D., Dr. G. Demarco B.A., LL.D., u Dr. A.V. Hyzler M.D. u l-Eċċ. Tiegħu l-Kummissarju Għoli għall-Awstralja f'Malta.

N.B. Il-Programm mill-Banda Melita jkompli wara d-daħla tal-mistednin fil-każin.

**Il-Ħadd, 23 ta' Lulju:**

11.00 a.m. Riċeviment fil-Każin lill-E.T. Mons. Sir M. Gonzi B.Litt., D.D., B.L.Can., J.C.D., K.B.E., Arċisqof Metropolita.

2.00 p.m. L-Innu lil San Ġużepp u marċijiet jinstemgħu minn fuq ir-Rediffusion.

**GĦAL ĦJATA FID-DAR SINGER L-AĦJAR**

# BUSY BEE

## CONFECTIONERY

## VINCENT FRIGGIERI

**30, TA' XBIEX SEA FRONT, MSIDA**

Telephone Sliema 31738

*orders accepted for:—*

WEDDINGS,

BAPTISMS,

& PARTIES

**COMPLETE WITH ALL SERVICE, AT MODERATE PRICES**





Arly

A LEADING SWISS BRAND

EVERY ARLY WATCH IS EXPERTLY EXAMINED, TESTED AND FRESHLY OILED WITH SUITABLE OILS OF THE FINEST QUALITY BEFORE DESPATCH

Trade Enquires:

Phone: 35397


(Stampat maqlub fuq talba ta' l-Advertiser)

# IR-RIGAL AWSTRALJAN

## BANDALORA OĦRA KOMMEMORATTIVA MILL-AWSTRALJA

F'WAĦDA MILL-ĦARĠIET t'April tal-Gazzetta bil-Malti li toħroġ fl-Awstralja, il-Maltese Herald, deher artiklu dwar l-ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa ta' l-Imsida. Fih saret sejħa lill-Misidjani f'Sydney, biex għal dan l-avveniment hekk storiku, il-Misidjani jingħaqdu u jiċċelebraw flimkien dan l-avveniment għalkemm huma eluf ta' mili 'l bogħod minn arthom u l-pajjiż ta' twelidhom. Fost dawn il-Misidjani mbegħda minn arthom, kien hemm min minnhom ħalla btala tiegħu għal Malta apposta għal din is-sena biex jingħaqad magħna l-Misidjani u jiċċelebra l-festi ta' l-ewwel Ċentinarju fl-Imsida.

Grupp ta' Misidjani li wasal f'Ġunju wassal miegħu rigal sabieħ lill-banda tagħna, bħala apprezzament għax-xogħol kulturali u soċjali tagħha mit-twaqqit tagħha sal-lum matul l-ewwel seklu mit-twaqqif tal-Parroċċa. Ir-rigal huwa bandalora kommemorattiva li ser tiġi ppreżentata lill-banda nhar lejliet il-festa ta' San Ġużepp, 22 ta' Lulju, 1967. Il-persuna fdata lilu l-preżentazzjoni huwa s-Sur V. Pisani, President tal-Melita Eagles F.C. f'Sydney.

Din il-Bandalora saret bl-inizjattiva tas-Sur Ġużi Taliana li bl-għajnuna tat-tifel tiegħu Ronald, is-Sur Carm Buhagiar u Misidjani oħra f'Sydney, huwa għamel sforz kbir biex jiġu miġbura l-flus meħtieġa u ssir il-Bandalora.

Is-Sur Ġużi Taliana jiġi ħu s-Segretarju preżenti tal-Banda Melita, is-Sur Carm Taliana. Huwa ilu nieqes minn Malta madwar għoxrin sena. Ħafna Misidjani jafu sewwa lis-Sur Ġużi Taliana speċjalment għal-logħob tal-Billiard. Huwa kien popolari ħafna u kien meqjus bħala wieħed mill-aħjar ġugaturi tal-Billiard.

Il-Kumitat u l-Membri kollha tal-Melita Band Club jirringrazzjaw lis-Sur Ġużi Taliana in partikulari u l-benefatturi kollha in ġenerali ta' l-apprezzament tagħhom u tar-rigal imprezzabbli li għoġobhom jagħtu lis-Soċjetà biex iżejjen lill-każin u jitqiegħed mar-rikordji l-aktar għeżież li jkabbru lil kull Misidjan.

Ta' min isemmi u jirringrazzja wkoll lil Mro. Emm. Morello li qiegħed ukoll fl-Awstralja għall-kontribut tiegħu għal din is-sena Ċentinarja għall-marċ li għoġbu jikteb biex jindaqq mill-banda tagħna fil-programmi li ser tesegwixxi din is-sena.

# INNU LILL-KBIR PATRIJARKA
# SAN ĠUŻEPP
## PADRUN TA' L-IMSIDA

*Mużika:* Mro. Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M. *Versi:* Is-Sur Albert Marshall

Ġużeppi...... Ġużeppi......
Tul is-snin għoġbok tħarisna,
Minn fuq l-għoli tat-tron tiegħek!
Bqajt, Ġużeppi, lit-tarbija,
Tqandel ħlejju ġewwa driegħek!

Biex setgħetek tidhrilna aktar,
Imħabbitna tikbes fina,
Sammart ħarstek f'għajnejn ibnek,
Donnok titlob ħnien' għalina.

Imħabbitna għalik Ġużeppi,
Mhux bħan-nar tiela' jlewwen fis-sema,
Biex jinfirex, jitwessa' u jgħib!
Imħabbitna taf b'nar ieħor,
Nar imkebbes bil-ħatab tal-fidi,
Nar iħeġġeġ bit-tama qawwija,
Li bħal dari, għażiż Missier Kristu,
Tamarlhom iħarsuna l-eżerċiti smewwija.

Ġużeppi...... Ġużeppi......
Minn fuq l-għoli tat-tron tiegħek,
Bqajt turina lit-tarbija,
Ħlejju mwieżna ġewwa driegħek.
U jinġabru wlied l-Imsida,
Ilkoll jitolbu għalenija!
Jitolbuk għax int Missierhom,
Ibnek Kristu, wild Marija!

U għax Qofol il-Għaqda qaddisa,
Hu Ġużeppi, il-padrun ta' l-Imsida,
U l-Imsida bla Ġużeppi,
Wesgħa xagħari titqaxqax marida,
Nithennew ilkoll bħall-aħwa,
Il-ulied ta' Missier wieħed,
Fil-misteru ta' Kburitu.
Imberkuh, infaħħruh u nqimuh,
U flimkien, merħla waħda, ragħaj wieħed,
Minn qiegħ qalbna nitolbuh!

'Ati s-saħħa 'l-ħaddiem tagħna,
Inti, San Ġużepp ħaddiem!
'Ati d-deh'n lil min irabbi,
Seddaq fostna paċi w sliem.

Minn fuq tronok ibqa' ferragħ,
Il-għejjun tal-grazzji tiegħek,
Ibqa' tbewwes mat-tarbija,
Ħlejju mqandla ġewwa driegħek.

Mhux ġuħ biss, għaks u mibgħeda,
Mhux il-ħażen Sultan tagħna,
Hemm tweżinna l-Id Divina,
Hemm Ġużeppi jieqaf magħna.
Ngħajjtu ilkoll — Viva Ġużeppi,
U nżejnuh, b'fided u deh'b,
Għax ħaddiem bħalek u bħali,
Viva...... Viva San Ġużepp.

Ġużeppi...... Ġużeppi......

RECOMMENDED

WIR DIENEN

by
MALTA
SHOPPERS GUIDE

**Your hallmark of efficient service and reasonable prices**

aps

SHOP WITH CONFIDENCE

AT ANY OF THE ESTABLISHMENTS

DISPLAYING THIS SIGN IN

# MSIDA

AND ELSEWHERE

# IS-SOĊJETA' THARES 'IL QUDDIEM

FID-DINJA MODERNA tal-lum, il-progress huwa tant importanti li jġiegħel lill-bniedem iħares 'il quddiem u jippjana affarijiet li jkun żgur fil-futur ser ikunu l-bżonnijiet vitali tiegħu. Dan japplika wkoll għal kull għaqda u każin li jeżisti u li jrid jimxi maż-żmenijiet.

Il-każini tal-baned, bi tradizzjonijiet sbieħ antiki u storja warajhom, illum qegħdin jagħtu każ ta' dan u qegħdin jippjanaw għall-quddiem biex l-għaqdiet ikunu jistgħu jimxu maż-żmien mingħajr ma jispiċċa l-valur kulturali tagħhom.

Il-Għaqda Mużikali Melita hija waħda minn dawn l-għaqdiet li snin ilu rat l-importanza tal-progress u ppjanat u ħadmet biex illum diġa' rat ftit minn dak li ħejjiet snin ilu jsir realta'. F'għaqda l-progress jista' jsir biss jekk ikun hemm nies dilettanti. L-għaqda Melita, f'dawn l-aħħar snin kellha nies dilettanti li ħadmu kemm felħu biex tawha dak li għandha issa, jiġifieri abbeliment fil-każin, progress kbir fil-filarmonika u pożizzjoni finanzjarja tajba li magħhom żdied il-moral, li issa jinsab fil-quċċata tiegħu. L-isem kiber għaliex dawk li jħobbuha semmewha ma' Malta kollha billi faħħru s-suċċessi tagħha u ssimpatizzaw magħha fid-diffikultajiet u l-problemi li kellha u għad għandha fil-għlieda għall-progress. Dawn in-nies kitbu f'gazzetti u wrew il-ġid li s-Soċjeta' għamlet lill-Imsida fil-qasam kulturali, soċjali u filantropiku u kemm jista' jsir iżjed kieku affarijiet oħra jkunu jistgħu, jiġu akkwistati jew irranġati. Kull min taha kontribut lis-Soċjeta', żgħir kemm hu żgħir għandu jkollu l-ammirazzjoni ta' kull Misidjan.

**IL-KAŻIN TAL-BANDA MELITA**



Iż-żewġ fatturi mportanti fil-ħajja tal-lum, huma lir-raġel li jħobb jitħallat fis-soċjeta' wara x-xogħol tiegħu, għandu jsib id-dar tad-delizzju tiegħu mgħammra b'dak li hu meħtieġ u li l-ambjent ikun kontinwament attiv. Dan, il-għaqda Melita qiegħda tagħmlu. Il-lum il-każin huwa mgħammar b'ħafna kumditajiet, kwalunkwe xorta ta 'divertimenti leċiti u attivitajiet kontinwi żgħar u kbar li l-interess mill-membri fihom ma jonqos qatt. Matul l-aħħar sentejn il-kompetizzjonijiet tal-biljard saru regolari u qajmu nteress kbir fil-każin. Il-membri

*(Jissokta fil-paġna 18)*

# IS-SOĊJETA' TĦARES 'IL QUDDIEM

*(Jissokta mill-paġna 17)*

pparteċipaw fis-Snooker Competition Nazzjonali kemm individwalment u kemm bħala team tas-Soċjeta'. Saru Exhibition games tal-biljard fuq il-mejda tal-każin minn players tal-Biljard kbar magħrufin. Dawn kollha għenu lis-Soċjeta' biex tawha opri ħajjin kontinwi.

Bħala tifkira tal-festi għeżież ta' l-ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa, is-Sinjuri F. Camilleri, J. Debono, P. Saliba u C. Taliana ħadu l-inizjattiva biex jagħtu l-isbaħ rigal tas-seklu lis-soċjeta' — il-bandalora. Bl-ajkla tal-fidda fuq irras tagħha — simbolu tal-qawwa u kuraġġ fil-qasam kulturali, u l-kuluri bellusin blu u abjad bid-deheb ilellex fuqhom — simbolu ta' umilta', rieda tajba u arti Divina tal-mużika, il-bandalora se żżejjen it-toroq ta' l-Imsida, għaliex tkabbar lil kull Misidjan li f'pajjiżu hemm opra ħajja li se tkun tħares 'il quddiem, lejn seklu ieħor, biex tagħmel aktar ġid f'kull qasam soċjali. Ħames snin oħra s-Soċjeta' Melita tiċċelebra l-Ġublew tad-deheb. Unur ieħor għalina l-Misidjani għaliex tkun prova oħra ta' għaqda kontinwa f'ħamsin sena.

Kulħadd huwa mistieden biex jiġi l-każin fil-ġranet tal-festi u jara l-progress li sar. Jara x-xogħol ta' Membri tal-Kumitat b'mod partikulari tas-Sinjuri F. Camilleri, J. Debono, J. Cassar u C. Taliana li bl-għajnuna ta' membri oħra għamluh b'sagrifiċċji kbar fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom. Il-Kumitat ta' dawn l-aħħar sentejn ħadem bla heda biex jabbelixxi l-każin, iħoll problemi serji, iqawwi l-banda, u jagħmel ħbieb ġodda li jistgħu jgħinu l-każin fil-bżonnijiet tiegħu. Huwa ta' nkuraġiment li l-Misidjani jkunu jafu, li l-Kumitat kien bħal katina waħda, minsusa mill-ebda ħolqa, b'saħħitha, iżda prudenti meta jkun hemm bżonn torbot.

Ma jistax jonqos li jiġu msemmija l-benefatturi li kkontribwew kemm manwalment u finanzjarjament biex ħafna opri u attivitajiet setgħu jsiru. Idditti G. Spiteri & Co. Ltd. (Coca Cola), Malta Bottling Co. Ltd. (Pepsi Cola), Seven Up Bottling Co. Ltd., Muscats General Stores, S.F.C. Co. Ltd., u s-Sur R. Farrugia kollha kkontribwew rigali għall-kompetizzjonijiet tal-biljard li saru. Is-Sur Joseph Zahra kien tant ġentili li jagħti rigal lis-Soċjeta', il-vetrina tal-bandalora li se jkollha l-banda. Is-Sur R. Naudi kien tant ġentili li pinġa l-George Cross fuq l-istandardMalti u l-arma tal-banda fuq il-globu tal-brazz tal-bieb. Is-Sinjura C. Debono li bil-paċenzja kollha qadet tirrestawra l-istandard Malti u għamlet il-ħjata ta' għadd ta' purtieri, is-Sur R. Debono li kien tant ġentili li offra b'xejn is-servizz tal-loudspeakers għall-programm vokali u strumentali li ser tagħmel il-banda tagħna f'lejlet il-festa, u s-Sur V. Pulis li ħadem il-plakka ta' l-irħam bl-isem tas-Soċjetà għall-bieb ta' 'barra.

Lil dawn kollha, mal-benefatturi li għoġobhom jikkontribwixxu għall-bandalora, is-Soċjeta, tirringrazzjahom u twegħdhom li tibqa' ħajja, attiva u tħares 'il quddiem, lejn seklu ġdid ieħor, għall-ġid ta' l-Imsida, soċjali, kulturali u filantropiku.

# IL-BANDALORA

## LISTA TAL-BENEFATTURI U RENDIKONT

Kif ġie mwiegħed fl-Appell li kien sar, dan li ġej huwa r-rapport u r-rendikont ta' l-Arbural li kien sar fl-Imsida għal bandalora xierqa, biex tiġi ppreżentata lill-banda "Melita" fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċentinarju tal-Parroċċa.

L-ismijiet tal-benefatturi li qed jidhru huma dawk li taw minn nofs lira 'l fuq.

L-ismijiet tal-benefatturi kollha jkunu esposti fuq in-Notice Board tal-Każin fil-ġranet tal-Festi Ċentinarji.

**Ditti Benefatturi**

| | | | |
|---|---|---|---|
| George Spiteri Ltd. (Coca Cola) | £5 | Invicta Works | £2 |
| Gio. Batta Delia | £1 | J. & L. Muscat (Cold Stores) | £2 |
| Johnsons Stores | £2 | Stage Dragon Theatrical Co. | £1 |
| Wembley Ice Cream Ltd. | £2 | Aridiacono Woodwork | £1 |
| Shell Petrol Station (Valley Rd) | 10/- | G. Debattista Stores | £2 |
| Bajada Woodworks & Co. | £1 | E. Enriquez (Table Soccer) | £1 |
| M. Baldacchino (Pin-Ball M/cs) | 3 gns. | C. Fino Woodwork | £1 |

**Benefatturi**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| A. Azzopardi | 10/- | C. Ciantar | £3 | J. Friggieri | £1 |
| M. Azzopardi | 10/- | J. Calleja | 10/- | Rem. Farrugia | £2 |
| M. Agius | 10/- | P. Camilleri | 10/- | Gallo (family) | £1 |
| A. Axisa | 10/- | A. Cuschieri | 10/- | J. Gallo | 10/- |
| C. Azzopardi | 10/- | C. Camilleri | 10/- | J. Galea | 10/- |
| P. Attard | 10/- | P. Cassar | £1 | M. Giorgio | 10/- |
| W. Agius | £1 | F. Camilleri | £1 | M.C. Galea Preca | £1 |
| J. Azzopardi | 10/- | Johnny Catania | $5(c) | J. Galea | 10/- |
| Dr. J. Azopzardi M.D. | £1 | L. Cassar | £1 | Mrs. J. Grech | 10/- |
| T. Abela | 10/- | J.M. Cassar Naudi | £2 | A. Gatt | 10/- |
| J. Azzopardi | 10/- | C. Catania | £1 | J. Hili | 10/- |
| J. Bugeja | 10/- | J. Delmar | 10/- | V. Mangion | 10/- |
| C. Bonnici | 10/- | E. Delmar | 11/- | C. Muscat | 10/- |
| J. Bartoli | £1 | J. Dimech | 10/- | A. Micallef | 10/- |
| C. Borg | 10/- | Alb. Debono | 10/- | A. Muscat | 10/- |
| J. Borg | 10/- | J. Debono | £1 | M. Mizzi | 10/- |
| A. Bonello | 12/6 | A. Ebejer | 30/- | J. Micallef | 10/- |
| Ph. Bugeja | 10/- | Fiorini (family) | 10/- | C. Mifsud | 10/- |
| E. Bonnici | £1 | J. Farrugia | 10/- | P. Micallef | 10/- |
| E. Brincat | £1 | J. Frendo | 10/- | R. Naudi | 10/- |
| J. Borg | £1 | J. Ferranti | 10/- | L.A. Naudi | |
| E. Coleiro | £5 | R. Farrugia | 10/- | B.E.&A., A.&C.E. | 10/- |
| F. Coleiro | £1 | F. Fenech | 10/- | N.N. | 13/6 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| N.N. | 10/- | S. Rapinett | £1 | A. Saliba | £1 |
| Mrs. Naudi Orr | 10/- | A. Spiteri | 10/- | E. Taliana | 10/- |
| J. Portelli | 10/- | V. Saliba | 10/- | C. Taliana | £2 |
| C. Pulis | 10/- | T. Sajjieba | 10/- | J. Vella | £1 |
| C. Palmier | 10/- | C. Stivala | 10/- | Jos. Zahra | 10/- |
| A. Pisani | £1 | A. Said | 10/- | C. Zerafa | 10/- |
| C. Portelli | 10/- | J. Sciberras | £1 | Mrs. C. Zahra | 10/- |
| C. Rizzo | 10/- | A. Stagno | £1 | | |

**Kontribuzzjonijiet volontarji mit-toroq**

*N.B. il-Kontribuzzjonijiet tal-benefatturi msemmija fuq, barra minn dawk tad-ditti benefatturi, huma nklużi fir-rendikont tat-toroq.*

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marina Road | £ 7 | 18 | 3d. | New Street | 4 | 19 | 9d. |
| Gwardamangia Hill | 2 | 12 | 6d. | Sawmill Street | 4 | 10 | 0d. |
| Ursoline Sisters St. | 2 | 6 | 6d. | D'Argens Rd. & Junction | 9 | 7 | 6d. |
| Bordin Street | 3 | 15 | 0d. | Upper D'Argens Rd. & | | | |
| Dock Street | 4 | 12 | 6d. | Princess Margaret St. | 3 | 13 | 6d. |
| Clarence Street | 3 | 19 | 2d. | St. Anthony & | | | |
| Qrejten Street | 3 | 12 | 6d. | Bishop Caruana Str. | | 17 | 9d. |
| Ant. Sciortino St. | 3 | 16 | 0d. | Msida Sea Front | 7 | 19 | 6d. |
| Gia. Navarro St. | 1 | 15 | 0d. | Valley Rd. & | | | |
| Mons. Dandria St. | 4 | 17 | 4d. | St. Venera Str. | 23 | 2 | 6d. |
| Mons. Falzon St. & | | | | Garcin St. & Valley Jun. | 3 | 6 | 0d. |
| Ta' Xbiex Sea Front | 17 | 0 | 8d. | Conception & | | | |
| Church & Parish Str. | 5 | 3 | 9d. | St. Louis St. | 9 | 9 | 8d. |
| Ant. Bosio St. | 3 | 0 | 6d. | Tower Road | 3 | 12 | 0d. |

Id-dħul kien:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ditti benefatturi | £ 24 | 13. | 0d. |
| Kanada u Awstralja | 1 | 19. | 2d. |
| Kontribuzzjonijiet mit-toroq | 135 | 7. | 10d. |
| | £162. | 0. | 0d. |

Il-ħruġ kien:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Disin: Mr. C. Tonna | £ 5 | 10. | 0d. |
| Xogħol ta' metal u fidda: Messrs. F. Cassar Silversmiths | 54 | 0. | 0d. |
| Xogħol ta' drapp u rakkmu: Miss H. Pizzuto | 100 | 0. | 0d. |
| Stampar ta' Appelli | 2 | 10. | 0d. |
| | £162. | 0. | 0d. |




# SPEL 65

## WORLD'S BEST WASHING POWDER

**Spel outers are exchangable for free gifts at:–**

## EMM. BONELLO

10, FRA DIEGU STREET, MARSA,

DIAL: 26452

# Kenwood

NO KITCHEN IS COMPLETE WITHOUT A KENWOOD



THE WORLD'S MOST VERSATILE FOOD MIXING MACHINE



IT LIQUIDISES



MINCES



SLICES AND SHREDS



AND PEELS

PROMPT AND EFFICIENT AFTER SALES SERVICE

MIZZI BROTHERS LTD.

**Valletta — Sliema — Floriana — Hamrun — Cospicua or your local KENWOOD dealer**

"Empire Press" — Istitut Kattoliku, Furjana.